MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Rikors Numru. 76/2014

**Mark Cassar id numru 540261 M ghan-nom ta’ Cassar Fuels Limited (Company Reg C28453) u Cassar Petroleum Services Limited (C45993)**

**Vs**

**L-Awtorita` tat-Trasport f’Malta (Transport Malta)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Mark Cassar *nomine***ipprezentat fil-11 ta’ Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:

*"*

1. *Illi s-socjetajiet joperaw fis-settur tad-distribuzzjoni u bejgh ta' prodotti varji tal-Petroleum. L-operazzjoni taghhom jinkludu fost l-ohrajn distribuzzjoni permezz ta' road tankers u bunkering b'vapuri li joperaw f'dan is-settur.*

2. *Illi fit-2 ta' April 2009 s-socjetajiet rikorrenti gew mgharrfa bil-hrug tal-Port Notice No. 05/09 hawn annessa bhala Dokument A.*

3. *Illi r-rikorrenti formalment kienu interpellaw immedjatament mal-hrug tal-imsemmija Port Notice lill-intimata Awtorita` tat-Trasport permezz ta' Protest Gudizzjarju (hawn anness u mmarkat Dokument B datat 17 ta' April 2009) illi l-imsemmija Port Notice kienet, fil-parti fejn teskludi il-hatt ta' fuel minn fuq vapuri ghal gewwa road tankers bhala mhux aktar permessibbli, infondata fil-fatt u fid-dritt u kienet tilledi d-drittijiet taghha.*

4. *Illi l-gustifikazzjoni moghtija mill-intimata Transport Malta kienet wahda ghal ragunijiet ambjentali u ghaliex il-prassi kienet tmur kontra l-Excise Duty Act (Cap 382).*

5. *Illi s-socjeta' rikorrenti dejjem spjegat u assikurat illi tali operazzjonijiet kienu minghajr riskju ambjentali ghaliex hija ghandha Road Tankers li huma bottom loaders li joffru sigurta` fil-hatt minn fuq il-vapuri u m'humiex top loaders u li ghaldaqstant jikkwalifikaw bhala approved pipelines.*

6. *Illi hija kienet u ghadha disposta tosserva kull regolament u supervizjoni mid-Dipartiment u Awtorita` tad-Dwana ta' Malta sabiex isiru dawn l-operazzjonijiet.*

7. *Illi TM hija certament edotta illi l-operazzjonijiet huma fil-bicca l-kbira kkontrollati u jsiru taht supervizjoni tal-Ufficcjali tad-Dwana.*

***Raguni ghat-talba u esposizzjoni tal-materja kontestata***

*Illi s-socjetajiet rikorrenti jippremettu illi l-imsemmija Port Notice No. 05/09 kienet giet introdotta u hija mmirata u diretta sabiex tolqot lilhom biss stante li operaturi ohra jithallew ihottu fuel mill-vapuri peress li jgawdu minn facilitajiet ta' hazna fl-istess Port ta' Malta, facilitajiet illi ghalkemm is-socjeta' protestanti talbet ghalihom diversi drabi lil Gvern Malti, tinsab tigi respinta ingustifikabilment milli tinghata taht kwalsiasi titolu tali facilitajiet jew art fil-post fejn hija tista' tahzen l-imsemmi fuel.*

*Illi tant hija direttiva irregolari illi l-istess direttiva tippermetti hatt ta' bitumen (qatran) sahansitra permezz ta' road tankers top loaders b'riskju ferm akbar mill-hatt ta' fuel minn barges jew tankers ghal fuq road tankers top loaders jew bottom loaders. Is-socjetajiet rikorrenti ghandhom evidenza u ritratti li juru dan l-operat u ghalkemm ipprezentawh lill-Awtorita` intimata, hija baqghet indifferenti.*

*Illi din il-Port Notice tmur kontra kull kuncett tal-kompetizzjoni gusta u tinsab tolqot socjeta' wahda biss sabiex b'hekk kompetituri diretti fis-settur ikollhom monopolju protett u awtorizzat mill-istess Transport Malta, hawn issa intimata.*

*Ghalkemm saru diversi talbiet sabiex din il-Port Notice tigi rriformata b'kundizzjonijiet xierqa li jippermettu tali operazzjonijiet ta' hatt mill-vapur ghal fuq ir-road tankers l-intimata Awtorita` (TM) baqghet ostinatament inadempjenti.*

*Illi gew ipprezentati tlett protesti gudizzjarji senjatament Dokument B datat 17 ta' April 2009, Dokument C datat 1 ta' Awwissu 2012 u Dokument D datat 18 ta' Marzu 2014 li kollha baqghu minghajr ebda risposta formali u li l-Awtorita` qatt ma rrispondiet b'Kontroprotest opportun. Dan jikkonferma kemm l-Awtorita` ma ghandha ebda bazi u gustifikazzjoni li ma tirriformax l-imsemmija Port Notice u ma thalli l-ebda dubju kemm l-istess hija sfaccatament irregolari u arbitrarja u tehtieg tigi rtirata jew modifikata.*

*Illi dan ma jistax ma jitqiesx bhala abbuz ta' poter u diskriminazzjoni fis-settur sabiex tiffavorixxi terzi meta operazzjonijiet kollha dettaljati fil-Port Notice numerati 1, 2 u 3 huma operazzjonijiet identici u ghalhekk l-operazzjoni ta' hatt minn vapur ghal road trailer ghandha wkoll titnizzel bhala ezenti u permessibbli.*

*Illi nonostante dan l-istat ta' fatt, ingieb a konjizzjoni tad-dirigenti u amministrazzjoni inkarigata anke wara l-Elezzjonijiet Generali ta' Marzu 2013 jidher illi hemm oppozizzjoni skorretta u interpretazzjoni tar-ragunijiet veri li wasslu ghal hrug tal-istess Port Notice li kif issa riaffermat hija ingusta fil-fatt u fid-dritt u fin-nuqqas li tigi varjata mhux ser thalli ebda alternattiva hlief illi r-rikorrenti jipprezentaw kawzi opportuni ghad-danni ingenti u finanzjarji mid-data tal-hrug tal-istess Port Notice sad-data illi l-istess tigi riformata jew irtirata, konsistenti f'telf ta' profitti ta' somom pjuttost sostanzjali li ghalihom hija responsabbli unikament l-intimata.*

*Illi saru laqghat sabiex dan l-istat ta' fatt u dritt jigi indirizzat izda jidher illi l-awturi originali wara din id-decizjoni ghadhom jinsistu mal-amministrazzjoni l-gdida li din ghandha tibqa' fis-sehh meta fil-prattika l-unika skop huwa illi terzi jibqghu jinghataw trattament privileggat u differenti u l-Port Notice ma tapplikax l-istess fil-konfront ta' kompetituri diretti.*

***Talba***

*Ghaldaqstant is-socjetajiet rikorrenti umilment u bir-rispett jitolbu illi dan l-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jiddikjara illi l-Port Notice 05/09 hija irregolari u jordna illi l-Awtorita` thassar, tirrevoka jew tirriforma kif premess, taht kull kundizzjoni ta' mizuri ta' sigurta` u kontroll l-imsemmija Port Notice no 5/2009 sabiex l-istess socjetajiet jkunu jistghu, fost operazzjonijiet ohra simili li huma permessi u li jistghu jsiru fil-Port, jhottu fuel mill-vapuri taghhom jew ta' terzi ghal fuq road tankers.*

*Is-socjetajiet rikorrenti jitolbu wkoll illi l-intimata Transport Malta tkun dikjarata responsabbli ghal kwalsiasi danni li hija sofriet sa mis-sena 2009 peress li hija baqghet qatt ma rrispondiet formalment jew mod iehor ghall-interpellanzi u protesti gudizzjarji varji u ghazlet li thalli l-istess Port Notice in vigore, ben konsapevoli li hija abbuziva, diskriminatorja u illegali u baqghet tikkawza hsara finanzjarja lis-socjetajiet rikorrenti."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi dawn huma proċeduri t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li permezz tagħhom l-appellanti qed jattakkaw il-validità ta' Port Notice No. 05/09 maħruġa mill-Awtorita' Marittima ta' Malta fit-2 t'April, 2009.*

*1.0 Il-fatti tal-każ*

*Ai termini tal-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, bħala s-suċċessur fid-drittijiet u l-obbligi ta' dik li kienet tissejjaħ l-Awtorità Marittima ta' Malta, għandha b'mod ġenerali ir-responsabbilità u d-diskrezzjoni li tirregola l-faċilitajiet marittimi u portwali f'Malta. B'mod iżjed speċifiku, hija għandha inter alia ir-responsabbilità:*

> *8(e) li tipprovdi, iżżomm, tiżviluppa, ittejjeb u tħaddem portijiet f'Malta u l-faċilitajiet li jmorru magħhom, u li tipprovdi, iżżomm u tħaddem fihom u fil-viċinanzi tagħhom servizzi u faċilitajiet adatti u effiċjenti li minn żmien għal żmien jidhrilha meħtieġa jew vantaġġjużi biex jaħdmu tajjeb, bla perikolu u b'mod effiċjenti, dawk il-portijiet jew hekk kif l-Awtorità jidhrilha xort'oħra adatt biex tipprovdi fl-interess pubbliku u li tnaddaf u tiżbarazza kull port u l-viċinanzi tiegħu;*
> ...

> *(j) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, li teżerċita kontroll sħiħ dwar il-bon ordni fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port, u fl-art u fil-baħar li jkun qrib ta' kull port u fuq il-mollijiet;*
> ...
> *(m) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att biex iħares l-Ambjent, li tħares u tikkontrolla t-tinġis biż-żejt jew xi sustanza oħra ta' kull port jew fil-viċinanzi tiegħu;*

*Illi in linea mal-poteri u l-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità minn żmien għal żmien toħroġ direttivi li jissejħu port notices u li jiġu pubblikati u mgħarrfa lil persuni involuti fl-operat marittimu u portwali li jkunu se jintlaqtu minn din il-port notice, ngħidu aħna terminal operators u aġenti ta' bastimenti.*

*Illi f'dan il-kuntest, f'April, 2009 l-Awtorità Marittima ta' Malta kienet ħarġet il-port notice mertu ta' dawn il-proċeduri indirizzata lil "Masters/Bunker Operators" u "Ship Agents/Terminal Operators" illi biha stabbiliet illi road tankers jistgħu jintużaw fil-portijiet biss:*

1) *To supply bunkers to vessels*
2) *Collect waste oils from ships*
3) *Be used for the discharge of bitumen products from ships*

*L-Awtorità speċifikat illi għalhekk ma setax isir unloading of fuel from bunker barges and tankers directly into road tankers. L-istess port notice tispjega illi din il-prassi mhux biss tqajjem problemi ta' natura ambjentali u ta' sigurtà iżda tikser ukoll il-kundizzjonijiet tal-liċenzji maħruġa mill-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi u l-liġijiet ta' dwana.*

*Illi mhux kontestat illi fil-prattika dan ifisser illi karburant jista' jinħatt biss għal ġewwa terminals u mhux fi trakkijiet. F'dan ir-rigward ta' min jgħid illi t-terminals fejn jinżamm il-fuel huma regolati b'liġijiet speċifiċi inkluż ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikolużi, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.12) li jassiguraw standards għolja ta' sigurtà u ħarsien tal-ambjent. L-Awtorità temmen illi l-aħjar mezz kif dawn l-istandards jinżammu huwa proprju billi l-ħatt tal-fuel jiġi ristrett għal ħatt għal ġo terminals li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti speċifiċi u li fuqhom huwa aktar possibbli li jinżamm kontroll, kemm mil-lat tekniku/loġistiku kif ukoll mil-lat regolatorju.*

*Għalhekk, l-Awtorità tiċħad kategorikament l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-port notice hija b'xi mod immirata lejn ir-rikorrenti jew illi hija intiża biex tagħti xi vantaġġ indebitu lil xi operaturi a skapitu ta' oħrajn.*

*Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi d-direttiva tippermetti ħatt ta' bitumen għal ġewwa top loaders b'riskju allegatament akbar mill-ħatt ta' fuel, l-Awtorità tispjega illi preżentement f'Malta ma hawnx terminals għall-ħatt u l-magażinaġġ ta' qatran u għalhekk l-Awtorità hija kostretta li tippermetti illi l-ħatt ta' bitumen isir b'dan il-mod. Dato ma non concesso illi din il-prassi għandha ċerta riskji, dan però ma jiġġustifikax li jsir ukoll ħatt riskjuż ta' fuel meta hemm alternattivi ferm iżjed siguri.*

*L-istess argument japplika għal Għawdex, fejn ma hemmx mezz ieħor li jinħatt il-fuel ħlief għal ġo road tankers minħabba li ma jeżistux terminals dedikati. Huwa minn ewl id-dinja li*

*l-Awtorità ma tistax tipprojbixxi l-ħatt ta' fuel f'Għawdex. Għal darb'oħra però jingħad illi dan huwa riskju illi f'Malta jista' jiġi evitat minħabba l-eżistenza ta' terminals għal fuel. La r-riskju jista' jiġi evitat, għandu jiġi evitat.*

*L-Awtorità ma tiċħadx illi saru talbiet mir-rikorrenti biex il-port notice tiġi emendata u li kien hemm ukoll laqgħat bejn il-partijiet interessati però l-pożizzjoni tal-Awtorità baqgħet waħda konsistenti u ġiet ripetutament spjegata lir-rikorrenti. L-Awtorità ma tistax ma ttennix ukoll illi l-prattiċi illi għalihom hemm referenza fil-port notice jiksru wkoll liġijiet oħra kif spjegat fil-port notice stess. Fi kliem ieħor, anke li kieku l-port notice kellha tiġi revokata, jeħtieġ illi r-rikorrenti jassiguraw illi liġijiet oħrajn qed jiġu rispettati.*

*2.0 L-eċċezzjonijiet tal-Awtorità*

*Illi l-Awtorità esponenti umilment tissottometti illi r-rikors ta' Mark Cassar nomine m'għandux jintlaqa' u għandu jiġi miċħud għas-segwenti raġunijiet:*

*(i) <u>L-ewwel eċċezzjoni</u>: Illi preliminarjament, safejn ir-rikorrenti qed jallegaw li l-port notice [bħala "deċiżjoni" tal-Awtorià] "tmur kontra kull kunċett ta' kompetizzjoni ġusta" it-Tribunal għandu jissoprassjedi u jitlob lid-Direttur Ġenerali tal-Kompetizzjoni sabiex jippreżenta rapport dwar il-kwestjonijiet ta' kompetizzjoni.*

*Dan ai termini tal-Artiklu 27 tal-Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispeċifika kif ġej:*

> ***27.** (1) Meta quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jiġi allegat li xi ftehim jew deċiżjoni huma nulli u mhux eżegwibbli skont l-artikolu 5 u, jew l-Artikolu 101 tat-TFUE jew, meta jiġi allegat li jkun hemm abbuż minn pożizzjoni dominanti, skont l-artikolu 9 u, jew l-Artikolu 102 tat-TFUE, dik il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri u titlob lid-Direttur Ġenerali sabiex jippreżenta rapport fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajjma quddiemha u l-qorti għandha tieħu konjizzjoni ta' dak ir-rapport fil-konsiderazzjonijiet tagħha, u kull sottomissjoni dwaru magħmula mill-partijiet u mid-Direttur Ġenerali qabel ma jiġi deċiż il-każ...*

*Illi allegazzjoni fis-sens tal-Artiklu 27 tal-Kap 379 saret b'mod ċar meta r-rikorrenti stqarrew senjatament:*

> *Illi l-port notice tmur kontra kull kunċett ta' kompetizzjoni ġusta u tinstab tolqot soċjetà waħda biss sabiex b'hekk kompetituri diretti fis-settur ikollhom monopolju protett u awtorizzat mill-istess Transport Malta hawn issa intimata.*

*(ii) <u>It-Tieni Eċċezzjoni:</u> Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija bir-rispett limitata għar-"reviżjoni ta' atti amministrattivi", inkluż it-tħassir tagħhom. It-Tribunal però mhuwiex mogħti l-poter li jiddikjara jekk intimat huwiex responsabbli għal xi danni u/jew li jordna l-ħlas ta' tali danni.*

*Għalhekk it-tieni talba tar-rikorrenti fis-sens li Transport Malta "tkun dikjarata responsabbli għal kwalsiasi danni" għandha tiġi miċħuda.*

*(iii)* <u>*It-Tielet Eċċezzjoni:*</u> *Illi fil-mertu, fid-dawl tal-fatti kif spjegati f'din ir-risposta, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante li l-port notice mhijiex irregolari kif qed jiġi allegat. Għall-kuntrarju il-port notice nħarġet fl-ambitu tal-poteri u l-funzjonijiet tal-Awtorità u għal raġunijiet li huma ġustifikabbli inter alia sabiex jiġu minimiżżati riskji ta' saħħa, sigurtà u ħsara lill-ambjent; Dawn ir-raġunijiet kienu validi meta nħarġet il-port notice fl-2009 u r-rikorrenti b'kull rispett ma ġabet ebda prova li s-sitwazzjoni b'xi mod inbidlet minn dak iż-żmien;*

*(iv)* <u>*Ir-Raba' Eċċezzjoni:*</u> *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u partikolarment għat-tieni eċċezzjoni, l-Awtorià esponenti ma hija responsabbli għal ebda danni fil-konfront tar-rikorrenti;*

*3.0 Konklużjoni*

*Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorità esponenti titlob illi l-appell imressaq mir-rikorrenti jiġi miċħud u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti."*

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2015 fejn it-Tribunal issolleva *ex officio* l-kompetenza tieghu fir-rigward tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-istess eccezzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghas-sentenza ghal-lum fuq l-eccezzjoni tal-kompetenza.

**Ikkunsidra:**

Illi din hija sentenza dwar punt preliminari stante li se jigi investigat proprju jekk dan it-Tribunal jistghax jew le jidhol fil-mertu u eventwalment jiddeciedi dwar dak mitlub minnu mir-rikorrent *nomine*.

Illi l-parametri tal-hidma ta' dan it-Tribunal jinsabu mfissra f'artikoli 5, 7 u 25 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghidu is-segwenti:-

Artikolu 5 *"(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi."*

Artikolu 7 *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."*

Artikolu 25 (2) *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet*

*Skeda*, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu."*

Imbaghad "att amministrattiv" huwa definit bhala li jinkludi *"l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika."*

Illi issa, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet koncernanti l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, liema Awtorita' kienet giet ikkrejata permezz tal-Att XV tal-2009 (Att Dwar l-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta), l-istess Att jaghti dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal fic-cirkostanzi elenkati f'artikolu 40 u cioe:-

*"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi: (a) appelli magħmulin minn xi persuna li*

*tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità* ***li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza;*** *u (b) appelli magħmulin minn xi persuna li* ***tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta*** *fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità."*

Illi issa, fil-kaz odjern, in sintesi, dak li qieghed jallega r-rikorrent *nomine* huwa li l-Port Notice Numru 5/09 harget bl-uniku skop li z-zewg socjetjajiet li huwa jirraprezenta jigu diskriminati in kwantu ma jkunux jistghu ihottu *fuel* mill-vapuri ghal fuq *road tankers* mentri distributuri ohra jistghu facilment ihottu l-istess *fuel* peress li ghandhom facilitajiet ta' hazna fil-Port ta' Malta. Ir-rikorrent *nomine* ghalhekk qieghed isostni li tali *Port Notice* hja **abbuz ta' poter u diskriminazzjoni fis-settur biex tiffavorixxi terzi**.

Illi abbazi ta' dawn l-allegazzjonijiet, ir-rikorrent *nomine* talab lil dan it-Tribunal sabiex **jiddikjara illi l-Port Notice in kwisjtoni hija irregolari u jordna lill-Awtorita` intimata thassar, tirrevoka jew tirriforma l-istess Port Notice sabiex is-socjetajiet in kwistjoni jkunu jistghu, fost operazzjonijiet ohra simili li huma permessi u li jistghu isiru fil-Port, ihottu fuel mill-vapuri taghhom jew ta' terzi fuq road tankers. Di piu`, ir-rikorrent *nomine* talab dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghal kwalsiasi danni sofferi mis-sena 2009 peress li l-Awtorita` intimata kienet ben konsapevoli li l-istess Port Notice kienet abbuziva, diskriminatorja u illegali**.

Illi dan it-Tribunal hass li kellu jqajjem *ex officio* l-eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu peress li n-natura tal-istess Tribunal hija wahda **ta' revizjoni** ta' atti amministrattivi. Pero` iktar minn hekk, fil-konfront tal-Awtorita' intimata, id-dritt ta' appell li cittadin jew korp maghqud ghandu huwa kif definit fl-artikolu 40 su citat.

Illi jekk wiehed jara t-talbiet tar-rikorrent *nomine* isib li dak li qed jigi attakkat huwa l-validita` ta' Port Notice li harget fl-2009 mill-Kaptan tal-Port fit-2 ta' April 2009 u li giet esebita bhala Dokument A mar-rikors promutur. F'din l-istess Port Notice qieghed jigi mgharraf lil min hu koncernat is-segwenti:-

*"This Port Notice is intended to bring to the attention of all concerned the appropriate use of road tankers whilst in port and other internal water areas and conducting transfers and loading/unloading operations involving petroleum products.*

*Road tankers that are duly licensed and certificated in terms of the relevant regulations are permitted to:*

1) *Supply bunkers to vessels;*
2) *Collect waste oils from ships;*
3) *Be used for the discharge of bitumen products from ships.*

*Operators are hereby reminded that, apart from the associated safety and environmental concerns, the unloading of fuel from bunker barges and tankers directly into road tankers is not permitted as a standard condition in the "Licence to carry out the activity of an importer (and/or wholesaler) of petroleum" issued by the Malta Resources Authority issued in terms of the Petroleum for the Inland (Wholesale) Fuel Market Regulations (S.L.423.28).*

*Such practice is also prohibited under the Excise Duty Act (Cap 382). The Sixth Schedule, Part D: Mineral Oils Regulations stipulates that "All imported petroleum oil or gas shall be landed from the importing vessel under Customs supervision and when imported in bulk shall be conveyed through approved pipelines to the storage tanks…"*

*In this regard the practice of discharging petroleum products directly into a road tanker is prohibited and should cease with immediate effect. Failure to comply with these instructions may result in both administrative and legal action."*

Illi iktar minn decizjoni, din il-Port Notice hija ammonizzjoni fejn taghmel referenza ghal ligijiet ohra, u cioe l-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar id-Dazju tas-Sisa) u Legislazzjoni Sussidjarja 423.28 (Regolamenti Dwar il-

Petroleum fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Facilitajiet tal-Hzin Primarji) li ma jippermettux li ssir l-attivita' msemmija fl-istess avviz. Tali avviz kien intiz li jinforma lil dawk kollha li jahdmu fis-settur, pero` r-rikorrent *nomine* qieghed isostni li din tolqot lilu biss stante li l-Kumpaniji l-ohra, naturalment kompetituri tieghu, ghandhom facilitajiet fil-Port li jippermettulhom li ma jmorrux kontra l-istess Port Notice.

Illi ghalhekk kjarament il-mertu proprju tal-ilment tar-rikorrent *nomine* hu li permezz ta' din il-Port Notice is-socjetajiet li huwa qed jirraprezenta gew u ghadhom qed jigu diskriminati ghaliex skond hu l-istess Port Notice saret biex ikunu vantaggjati uhud u mhux ohrajn. Kwindi, skond hu, dan sar abbuzivament u illegalment.

Illi meta l-legislatur ikkrea dan it-Tribunal, kien diga fis-sehh l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mid-dibattiti Parlamentari li wasslu ghall-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva) jirrizulta illi l-idea originali kienet li tinholoq Qorti Amministrattiva wahda li tkun kompetenti li tisma' kwalunkwe ilment, inkluz ta' xejra kostituzzjonali, kontra awtorita' pubblika. Madankollu, tant kien hemm dizgwid fuq din il-linja ta' hsieb, li l-istess idea giet abbandunata biex b'hekk inholoq dan it-Tribunal filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili baqghet kompetenti li tisma' kawzi mressqin abbazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Illi ghalhekk, ghalkemm jista' jkun hemm kazijiet fejn il-kompetenza tat-Tribunal u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ikunu paralleli, hemm istanti ohra, imsemmija espressament f'artikolu 469A, fejn il-Prim'Awla biss ghandha gurisdizzjoni dwarhom.

Illi artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:-

*" (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;*

*jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset mill tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."*

Illi wara li dan it-Tribunal gharbel kemm id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 490, kemm l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u kemm artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa tal-fehma illi l-aggravji tar-rikorrent *nomine* ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi dan it-Tribunal ma ghandux is-setgha fil-ligi li jiddikjara l-Port Notice in kwistjoni irregolari u konsegwentement jordna t-thassir, ir-revoka jew ir-riforma taghha ghar-ragunijiet imressqa mir-rikorrent *nomine*. Lanqas ma jista' dan it-Tribunal jiddikjara xi awtorita' pubblika responsabbli ghad-danni sofferti stante li dan imur lil hinn mill-poteri attribwiti lilu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materiae* biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent *nomine*.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------